# MINUTI

## KUNSILL LOKALI FONTANA

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 03**

**It-Tlieta, 13 ta' Awwissu 2024**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta, 13 ta' Awwissu 2024 fit-3:00 ta' wara nofsinhar. Il-ħin tal-laqgħa ġie ffissat bi qbil unanimu bejn il-membri tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca - Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**3.1 Talba;**

3.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-03:00 ta' wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**3.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

3.3.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**3.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

3.3.1 Ġew ipprezentati u approvati il-Minuti Numru 2.



Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex
Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**3.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

3.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 02/2024 ghal perjodu ta' bejn il-11 ta' Lulju, 2024 u l-13 ta' Awwissu, 2024 li tammonta għal €15,005.93 ġiet approvata u iffirmata. Ġiet iprezentata wkoll kopja tal-ispejjez relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar.

**3.5.1 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

3.5.1 It-trophies ta Sportsfest ġew ikonfermati u daqt jaslu. Is-Sindku ipropona li waqt din l-attivita jingħata ukoll rigal lil kull tifel u tifla mingħand il tal-kunsill waqt dan l-avveniment. Il-kunsill qabel;

3.5.2 Sa issa il-kunsill iltaqgħa ma zewġ għadqdiet voluntarji tar-raħal u se issir laqgħa oħra ma l-għaqda li baqa. Meta ikun tkun ikonfermata id-data is-Sindku se jinforma lil membri. Waqt il-laqgħa ma ta l-armar ġiet proposta l-possibilita ill issir kors tal-bini tal-presepji. Il-kors jiswa €200 u s-Sindku xtaq li noffru dan il-kors b'xejn għar-residenti tagħna filwaqt li niprovdu l-uzu tas-sala għal dan il-kors. Il-kunsill qabel;

3.5.3 Is-Sindku Thomas Mizzi informa lil membri li hu iltaqa mar-raprezentat tal-kumpanija li minghanda inxtraw l-*air condition units* tas-sala. Waqt din il-laqgħa ġie deċiz il-post ideali fejn jistaw jerġaw jiġu installati l-*outdoor units* biex l-*air conditioning* tas-sala ikun jista jerġa jibda jintuza. Sfortunatament l-installazzjoni li ser issir ma tistax tkun permanenti peress li l-ħajt fejn ser jitpoġġew ser jitneħħa meta l-proġett tal bini tas-sala ikun lest. L-ispiza hi temporanja izda neċessarja biex is-sala tkun tista tintuza. Qabel ma jiġu installati ser issir laqgħa mal-kuntrattur u il-perit li huma responsabli mill-proġett taċ-Ċentru Ċiviku biex inkunu ċerti li l-post magħzul hu sigur u ma ittellifx waqt li ikun qed issir il-bini. Il-kunsilliera qablu li nitolbu stima u nerġaw nitkellmu fuq dan il-punt;

3.5.4 Dwar it-tindif tar-raħal is-Sindku infroma li kien qiegħed fil-proċess li jikunsidra *power washer* għat-tindif tar-raħal. Fil fatt ġew prezentati xi stimi waqt il-laqgħa. Wara diskussjoni mal-*handyman* tal-kunsill, ġie irrakomandat li nixtru pompa tal-pressa li titqabbad ma tank tal-ilma u li biha inkunu nistaw nagħmlu l-istess xogħol b'inqass spejjez. Is-Sindku talab għal-aprovazjoni tal-membri, li wara li resqu l-mistoqsijiet u xi konċern li kellhom ġiet aprovata, izda hekk kif temm il-komunikazzjoni tas-Sindku, il Vici Sindku, Ivana Mizzi xtaqet li jiġi innotat fuq il-minuti li hi kellha xi riservi fuq ix-xiri ta *power washer* jew is-sistema li ġiet

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

irrakomandata. Peress li tqajjem dan il-punt is-segretarju fakret lil membri li hi tista tmexxi biss b'deċizjoni, u għalhekk ittiħed vot.. Il-vot kien ta 4 voti favur li jinxtara l-powerwash kif propost u jitnadfu t-toroq bih, u is-sinjura Mizzi oġġezjonat;

3.5.5 Dwar il-ħsieb li għandu biex fix-xahar ta' Settembru jorganizza ħarġa għall anzjani. L-aħħar ħarġa kienet saret qabel l-elezzjoni. Il-ħsieb hu li neħduhom dawra għal nofs Settembru. Il-kunsill qabel unanimament;

3.5.6 Xi residenti ġibdulu l-attenzjoni dwar il- *Bring in Site* li dawn tneħħew mir-raħal u ma reġawx ġew installati. Hu informa lil membri li ġie mitlub jattendi laqgħqa ma l-ERA dwar dan il punt. Wara diskussjoni mal-membri tal-kunsill dwar il-possibiltajiet ta fejn jistaw jiġu installati, l-ebda zona ma ġiet identifikata mingħajr ma toħloq xi inkonvenjent. Għalhekk ġie deċiz li ninfurmaw lil ERA, li avolja hemm obligi legali, il-kunsill mhux f'pozizjoni li jidentifika post u għalhekk ġie irrakomandat li nitolbu lilhom jirrakomandaw il-post. Il-kunsill ser ikun qed jerġa jiddiskuti dan il-punt fil-laqgħat li ġejjin wara li issir ir-rakomandazzjoni. Waqt l istess diskussjoni, il-kunsillier Horace Micallef irrimarka illi bħala kunsill jagħmel aktar sens jekk naraw x nistaw nagħmlu biex ikollna magna tal-BCRS fir-raħal għax dik saret aktar bzonjuza peress li r-residenti issa draw jirriċiklaw u juzaw s-servizzi ofruti f'dan ir-rigward;

**3.6 Responsabiltajiet assenjati lill-Kunsilliera mis-Sindku;**

3.6.1 Is-Sindku b'mod uffiċjali ikonferma ir-responsabilitajiet li ġew mogħtija lil membri tal-kunsill wara li saret laqgħa ma kull membru biex jiġu diskussi. Dawn ġew imqasma hekk:
Il-Viċi Sindku – Ivana Mizzi - Innovazjoni, familja u ambjent
Kunsillier – Joseph Mercieca – Zaghzagh u tfal, Sports u komunitajiet
Kunsillier – Horace Micallef – Proġetti kapitali(flimkien mas- sindku), qasam soċjali u indafa.
Kunsillier – Carmelo Micallef – Kultura, integrazjoni soċjali u ħarsien tal-annimali.
Wara li ingħataw id-dekasteri, il-viċi sindku ġibdet l-attenzjoni tal-membri li hi ma xtaqitx izzomm dekasteri. Meta intalbet mis-segratarju li tiċċara l-punt, is-sinjura Ivana Mizzi ikkonfermat illi hi ma riditx tkun responsabli minn dekasteri. Is-segretarju ikonfermat li dik mhux għazla u li dwar dan kellha ittra elettronika mill-avukat tad-dipartiment. Is-sinjura Mizzi baqat tinsisti li hi ma xtaqitx izzomm dekasteri u staqsit jekk kienx bilfors li hi izzomm dekasteri. Meta ġie ikonfermat għal darba oħra li l-kunsill għandu ittra mill-avukat tad-dipartiment, il-viċi sindku talbet li nitolbu parir lil xi ħadd ieħor. Ġie spjegat mis-segretarju li meta ikun hemm bzonn kjarifika dwar il-liġi tal-kunsill dan hu l-persuna li jista

jigwidana. Inqrat il-korrispondenza mibgħuta u wara intbgħatet ukoll kopja lil viċi sindku b mod elektroniku waqt li kienet għaddeja l-laqgħa. Is-Sindku Thomas Mizzi staqsa jekk xi kunsillier xtaq jibdel id-dekasteri ma dawk assenjati lil Vici Sindku, pero il-Vici Sindku ikonfermat li hi ma xtaqet izzomm l'ebda dekasteru. Peress li l-membri kollha kienu assenjati d-dekasteri, ġiet sospiza il-laqgħa sakemm il-Viċi sindku tieħu pozizjoni dwar dan il-punt. Il-laqgħa tkomplit wara madwar nofs siegħa u l-viċi sindku xtaqet li fil-minuti jitnizzel illi hi kontra qalba ser taċċetta id-dekasteri mgħotija.

### 3.7 Sitwazzjonni tal-proġetti tal-kunsill:

3.7.1 Waqt li kien qed jaraw l-skeda tal-pagamenti aktar kmieni fil-laqagħa tqajjem il punt dwar *is-solar panels.* Il-kunsilliera staqsew jew il-panelli humiex qed jaħdmu u s-segretarju informat li dawn ma humiex ikkonektjati mal- *meter* tad-dawl. Hi ġibdet l-attenzjoni li waqt li kienet qed tagħmel il-*filing* sabet stima. Il-membri qablu li jibda proċess biex dawn jibdew jaħdmu u biex narax fejn nistaw inwaħħlu u nuzaw dawk li hemm miġbura fis-sala;

3.7.2 *Taħt ir-railing* – is-sindku informa lil membri li iltaqa' mal-perit tal-proġett li kien fuq il-post biex jara ix-xogħol. Il-proġett mixi b ritmu tajjeb. Is-sindku ġie mistoqsi meta hu skedat li jitlesta l-proġett, is-sindku informa illi hu flimkien mas-segretarju qed iduru proġett wieħed wieħed u jaraw id-dokumeni relatati. Dan izda hu proċess li ma issirx fi zmien qasir u irrid issir b galbu biex jiġi assigurat illi nimxu mal-liġi filwaqt illi naraw xkien ippjanat u li qed jiġi imwettaq kif suppost. Qabel ma ġie konkluz dan il-punt, il-kunsillier Horace Micallef talab li isemmi punt relatat. Horace Micallef semma kif resident ressaq punt li kien diġa tressaq fil-leġislatura ta qabel – qed jiproponi li biex l-ilma tax-xita ma joħroġx fin-nofs tat-triq ittawwal l-culvert tal-proġett u jiġi imqabbad mal-culvert li hemm ezistenzi fin-naħħa l-oħra tat-triq biex l-ilma jibqa għaddej minn taħt mhux minn fuq. Il-kunsill qabel unanimament li dan hu punt validu, is-sindku għalhekk kien ser ikellem lil-perit inkarigat mill-proġett dwar dan u ssir stima tal-ispejjez relatati;

3.7.3 *Il-ktieb* – ġiet moqrija l-korrispondenza li ntbgħatet mill-awtur Dr. Mario Saliba fejn ġie mitlub li jinbidel l-ftehim dwar l-ammont ta kopji li jingħata għas-servizz tiegħu jizdidu minn mija (100) għal mija u ħamsin (150). Il-kunsill iddiskuta dan il-punt u ġie maqbul li jinzam l-arranġament oriġinali u wara li titqassam kopja lil kull familja jerġa jiġi diskuss dan il punt. Is-sindku wera x-xewqa tiegħu li l-ewwel kopja tingħata b mod uffiċjali lil ex-sindku is-Sur Saviour Borġ u warajh

tingħata lil-awtur. Għal dan il-għan ipropona lli tiġi ppreparata ittra bħala stedina għal-laqgħa li jmiss. Il-kunsill qabel;

3.7.4 *CCTV cameras - SPI/SCI/4/2023 - Skema ta' Finanzjament - Komunitajiet aktar siguri u organizzati* – Dan il-proġett ser jiġu installati 5 (ħames) *cameras* f'postijiet indikati f'rapport li sar mill puluzija. Gie ipprezentant l-Evaluation Report għal approvazzjoni tal-membri. Il-membri ikonfermaw li mexxu ma dak li ġie irrakomandat;

**3.8 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

3.8.1 Il-kunsillier Joseph Mercieca irrefera għall proposta li semma fl-aħħar laqgħa dwar attivita għat-tfal. Hu iprezenta tlett stimi li kienu varji u jofru għazla għal etajiet different. L-attivita proposta tinvolvi sagħtejn attivitajiet u logħob u wara jintwera *film* fis-sala. Is-sur Mercieca ipropona li ssir il-Ġimgħa id-dieħla, li kien loġistikament impossibli għalhekk saret diskussjoni fit-tul biex tinstab data alternativa. Ġie deċiz li ssir 1 ta' Novembru;

3.8.2 Il-kunsillier Joseph Mercieca xtaq li tingħata attenzjoni lit-Triq Għajn Tuta u t-tindif in ġenerali. Is-segretarju iddefendit il-punt billi fakrer illi l-kunsill kull ma għandu hu ħaddiem wieħed. Is-Sinku ikonferma billi semma li qiegħed jaħdem biex jakwista assisenza mil-Community Wrokers Scheme;

3.8.3 Is-sur Mercieca semma ukoll l-bzonn li tingħata dawra ġenerali liz-zebgħa tas-sinjali tat-toroq, speċjalment *zebra crossings*, *Stop signs*, etc;

3.8.4 Il-Viċi Sindku, Ivana Mizzi semmiet il-punt tad- *disabled parking* fit-Triq Kappillan Hili. Hi pproponiet illi ssir *communual disabled parking bay* f' din it-triq peress illi hemm zewġ residenti li għandhom *blue badge*. Is-segretarju ikonfermat dak li diġa kien diskuss fil-laqgħa preċedenti – illi l-kunsill fil-leġislatura ta qabel irċieva formola mingħand Transport Malta u kien ta l-approvazzjoni tiegħu għalhekk dan il-proċess suppost jinsab miexi. Min informazzjoni li għandu l-kunsill il *communal disabled parking bays* m'humiex joħorġu.

3.8.5 Is-sinjura Mizzi semmiet ukoll li meta tinkines Triq tal-Għajn, il-borza l-ħadra titpoġġa ħdejn il-magna tad-*drinks* u tibqa hemmek ġranet twal. Is-segretarju ser tirraporta lid-dipartiment relatat;

3.8.6 Il-kunsillier Horace Micallef semma l-punt li qed ikun hemm boroz taz-zibel suwed fit-tarf ta Wied Siekel. Waqt li kien diskuss dan il-punt, is-sur Micallef issuġerixxa ukoll li mal-avvizi tax-xahar id-dieħel terġa titqassam kopja tal-iskeda tal-ġbir taz-zibel. Din hu suġeriment tajjeb u ser ikun qed jiġi implimentat;

3.8.7 Is-sur Micallef ressaq ukoll talba biex kaxxa tad-dawl ma faċċata ta dar kantuniera ma Triq John Gaspard Le Merchant naraw nistawx inneħħuwa minn mal-faċċata ta din d-dar ( photo sent on Sept 11)

**3.9 Fontanella Gardens;**

3.9.1 Is-Sindku ressaq xi ilmenti minn fost dawk li rċieva fuq *Fomtanella Gardens* hu xtaq iqajjem dan il punt biex jara jekk il membri jaqblux li nfittxu parir legali fuq is-sitwazzjoni ta' Fontanella Gardens biex jara kif jista imexxi. Wara li ġie diskuss issemma ukoll il-punt li jekk il-parir legali jkun li jkun irrid li jiġi implimentat. Għalhekk ġie deċiz li jittiħed parir u wara naraw jekk nistawx inkellmu lil *administrators* li hemm responsabli mill- blokkok u niddiskutu maggħhom;

**3.10 Tfal Ukreni**

3.10.1 Is-sindku inform lil membri li r-Reġun għal sena oħra ser ikun qed jospita f'Għawdex grupp ta tfal Ukreni. B'din l-inizjattiva jixtiequ is-sapport tal-kunsilli billi jorganizzaw ġurnata attivitajiet għal dawn it-tfal. Il-kunsill tagħna hu meqjus bħala wieħed zgħir għalhekk aħna mistiedna norganizzaw nofs ta nhar ma dawn it-tfal. Is-sindku ipropona li l-kunsillier Joseph Mercieca jieħu ħsieb jorganizza l-ħin fil-paroċċa. Is-sindku ser ikun jipparteċipa f'din l-attivita. Bi qbil unanimu ġie deċiz li wara il-grupp ta tfal Ukreni u l-membri tal-kunsill li jkunu qed jgħinu f'din l-attivita jospitaw lit-tfal għal-ikla ta nofsinhar;

**3.11 Sports Fest**

3.11.1 Dan il-punt ġie diskuss fil-bidu tal-laqgħa f' punt 3.5.1;

**3.12 Management Report**

3.12.1 Is-Segretarju spjegat il-proċess tal-*audit* u l-*management report* lil membri, filwaqt li pprezentat r-reply li ser inkunu qed nibgħatu. Din ġiet approvata unanimament;

**3.13 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti**

3.13.1 Is-segretarju semmiet il-punt tal *EPOS machine* li għalija kellha approvazzjoni mill-membri tal-leġislatura ta qabel u xtaqet tara jekk hemmx xi oġġezjoni mill membri prezenti biex tkun tista tmexxi bil-proċess;

3.13.2 Il-membri ġew infurmati li l-*handle* ġie approvata mill-persuna responsabli mill-blokka ta appartamenti u għalhekk twaħħlet mill-ħaddiem tal-kunsill;

3.13.3 Is-segretarju informat lil membri li waqt il-laqgħa mal- *Community Police* ġejna infurmati li qed jerġaw jinħarġu permessi biex issir sparar fuq il-ħamiem;

3.13.4 Wara ilment fuq gallerija perikoluza fi Triq il-Għajn, l-ilment ġie diskuss mal- *Community Police* li ħa il-pariri mingħand l-avukat u dan ikonferma li din il-gallarija hi ta periklu. Għalhekk ser ikun qed jitwaħħlu *barriers* li ser ikunu qed jipprevenu milli jgħaddu nies minn fuq din il-parti tal-bankina;

3.13.5 Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni lil membri fuq *email* li bgħatet ta ċertu Kelinu Cassar dwar ċint tas-sejjieħ. Waqt id-diskussjoni tqajjem il-punt li din t-talba diġa ġiet imresqa diversi drabi fil-kunsill. U ġie deċiż li jittieħed parir mingħand perit qabel ma tittieħed deċizjoni;

3.13.6 Is-segretarju talbet konferma mill membri biex jiġi deċiz kif ser jitħallas l-kont pendenti ta elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) li hemm mal-GAGF. Il-membri qablu li dan issir b'pagament ta ħames mitt ewro kull sena flimkien ma dak dovut kull sena bħala mizata;

3.13.7 Is-segretarju semmiet ilment li wasal il-kunsill dwar xi toqba fi Triq John Gaspard Le Merchant. Din t-toqba meta mar jarah l-ħaddiem tal-kunsill ikonferma illi din mhux sempliciment toqba. Ġiet diskussa din it-triq u l-istat tat-triq u kif meta saret it-triq il-fosos ma ntradmux u l-aħjar tiġi diskussa ukoll ma perit;

**3.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-6.15pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 11 ta' Settembru, 2024 fil-ħamsa ta' wara nofsinhar bi qbil unanimu u b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem.

.Konfermati, llum 11 ta' Settembru 24

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv